TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2025**

**Talba Nru: CCT140/25/DS**

**Vincent Busuttil**

**Vs**

**Unicare Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata rifużjoni ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-1 ta' Settembru, 2025 pero' għalkemm intavolata tardivament l-attur ma oġġeżżjonax illi l-intimat jitħalla jagħmel il-każ tiegħu quddiem dan it-Tribunal u jixhed fil-proċeduri odjerni;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Il-partijiet ma xtaqux jagħmlu trattazzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attur kellu ħsara f'*part* illi taqbaq mas-siġġu tar-roti illi tgħin sabiex huwa jimxi 'il-quddiem u lura. Dan il-makkinarju ġralu l-ħsara u l-attur ħadu għand l-electrician illi jgħid illi qallu li kien ir-rotator illi kien marlu. Meta l-makkinarju ttieħed għand is-soċjeta intimata ċċertu Chris Lia qallu li l-problema kienet fis-*switch* u fil-fatt bidilulu u żammlu ħamsa u sebgħin Ewro (€75) tiegħu. Meta l-impjegat tas-soċjeta' intimata tah lura l-makkinarju huwa qallu illi kien pruvah u kien jaħdem pero' meta fil-fatt weħħlu ma ħadimx u ħadulu lura. L-attur jinsisti illi l-lavrant kien qallu illi jekk jerġgħa ma jaħdimx itieħ il-flus lura pero' meta eventwalment baqa' ma ħdimx ma riedx iroddhomlu lura għaliex qallu li x-xogħol kien sar.

It-Tribunal jirrileva illi l-kwistjoni m'hijiex dwar liema parti mill-makkinarju ma taħdimx iżda dwar jekk l-attur qalx lir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata illi kellu problema fir-*rotator* jew inkella fl-*iswitch* u sfortunatament ix-xhud prinċipali li setgħa jixħet dawl fuq din kien propju l-*electrician* illi kien mar għandu l-attur liema *electrician* kien baghtu għand is-soċjeta' attrici. Stante illi dan ix-xhud ma ġiex prodott u stante illi l-oneru tal-prova huwa fuq min qiegħed jallega, dan it-Tribunal ma jinsabx konvint illi dak illi qiegħed jsostni l-attur għandu mis-sewwa għaliex setgħa jipproduċi propju xhud biex jikkonferma dak illi huwa qiegħed jallega u dan m'għamlux. Lanqas ma produċa bħala xhud il-lavrant illi huwa stess qal illi setgħa jgħid biċ-ċar x'ġara. Fin-nuqqas dan it-Tribunal ma jistgħax isib favur l-attur.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal

jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu sufficjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**